MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 14/2005/1

**Anton Portelli**

**v.**

**Maria Portelli**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Il-kwistjoni f'dan l-appell hija dwar il-validita` taz-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-23 ta' Awissu 1975. Fic-citazzjoni tieghu, l-attur, illum appellant, ippremetta:

1. illi huwa u l-konvenuta zzewgu fit-23 ta’ Awissu fil-knisja Kattidrali, Ghawdex, u minn dak iz-zwieg twieldu tlett (3) itfal illum ilkoll maggorenni u cioe`, Marthese, Ferdinand u Ismael;
2. illi bejn il-kontendenti illum hemm separazzjoni personali ‘a mensa et thoro’ b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Cauchi tat-18 ta’ Frar 2003;
3. illi oltre dan, hemm lok ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` ta’ l-istess zwieg a tenur ta’ l-Artikolu 19(1)(d) ta’ l-Att taz-Zwieg (Kap. 255) u cioe` meta l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
4. illi l-istorja tal-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti hija wahda li kienet nieqsa minn dak l-affett uman li jaghmel ghaqda fiz-zwieg possibbli; ir-relazzjoni interpersonali ta’ bejniethom kienet imcajpra b’hafna ostakoli nevrotici u finalment kienet wahda persuna (sic!) ghaz-zewg partijiet milli armonjuza;
5. illi id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kien evidenti bil-mod kif il-konvenuta kienet tagixxi fil-konfront ta’ l-attur [u li] ma kien hemm qatt dak il-‘commitment’ li wiehed irid juri fil-konfront tal-persuna l-ohra li fl-ahhar jintrabat maghha fiz-zwieg;
6. illi kien hemm ukoll anomalija psikologika serja fil-konvenuta li kienet taghmilha impossibbli ghaliha li tassumi u taqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg; dan jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza specjalment mill-komportament tal-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur.

**2.** A bazi ta’ dawn il-premessi, l-attur appellant talab lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri sabiex tippronunzja z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tat-23 ta’ Awwissu 1975 null u bla effett u dana peress li l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

**3.** Il-konvenuta eccepiet testwalment (ara fol. 7):

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kollha kontra l-attur.
2. Illi qabel xejn l-esponenti tixtieq tissolleva l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens*, stante illi fuq l-istess materja diga` hemm procedimenti ohra, ukoll istitwiti mill-attur odjern, quddiem Tribunal kompetenti, senjatament it-Tribunal Ekklesjastiku;
3. Illi fit-tieni lok, in-nuqqasijiet illi l-attur jipprova jimputa lill-esponenti huma totalment inezistenti. Jekk hadd, kien l-attur illi jbati minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, u mhux il-kontra.
4. Illi r-raba' paragrafu tal-premesi tac-citazzjoni m'huwiex intelleggibbli, u l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-attur jikkjarifika il-kontenut ta' dak il-paragrafu u tirrizerva minn issa id-dritt illi twiegeb ghalih meta hija tkun tista' tifhem x'qieghed jipprova jghid hemmhekk l-attur.

**<u>Is-sentenza sppellata</u>**

**4.** Illi b'sentenza ta' l-14 ta' Marzu 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Familja qatghet dina l-vertenza billi cahdet it-talba attrici, billi ma giex ippruvat illi kien hemm xi wahda mir-ragunijiet indikati mill-attur ghaliex dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null. Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita` taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta għax allegatament:

(i) il-kunsens tagħha għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha

mpossibbli għaliha li taqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

"Il-prova ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet msemmija mill-attur, hija suffiċjenti biex, indipendentement mir-raġuni l-oħra, tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-żwieġ (Kap. 255).

"L-ewwel raġuni li fuqha l-attur qed jibbaża t-talba tiegħu, hija dik kontemplata fl-ewwel parti ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-liġi msemmjia. Ikun hemm **difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju**, meta xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma jistgħax jingħad li tbati minn infermita` mentali, tkun daħlet għal din ir-rabta konjugali mingħajr maturita` biżżejjed għaż-żwieġ.

"Ġie spjegat illi:

*""B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita` sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta'* ***discretio judicii*** *hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita` ta' parti oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ. Kif jispjega l-ġurista* **Colagiovanni***:*

*'il matrimonio, in quanto patto ossia '****foedus****' …richiede una capacita` intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che… si tratta di assumersi una '****servitus****' per tutta la vita.' (*Forum, 1990. vol. I part. 1. p.72*)';*

*"Pero`, kif ġia ngħad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, d-dottrina u l-ġurisprudenza 'non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo` comportare la vita coniugale, ne un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne in fine una conoscienza perfetta della motivazione della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l'uso del termine* ***discrezione di giudizio****, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena.'* (**Pompedda, M. F.** Il Consenso Matrimoniale *in* Grocholewski-Pompedda-Zagglia -- Il Matromonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova 1984, p. 46). *Proprju għalhekk ukoll il-leġislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wieħed serju…"* [1]

"Hekk ukoll l-Imħallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju,  jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapaċita` fil-partijiet kontraenti li jilħqu ammont suffiċjenti ta' riflessjoni proporzjonata għall-kuntratt konjugali, li hija fakulta` riflessiva meħtieġa għall-istat nuzjali (monito. Ecclesiastices, 108(1983) 504, u.2. cfr. Ch. Defebvre: Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 69, (1980) p.55 – 7): "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage). A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage. The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement. In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse. He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a*

[1] N.A. vs R.A. konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-29.10.1999 (vol. LXXXIII, pt.2, p. 559)

*lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram Anne* – 22.7.69, SRRD No. 1.61, pp. 864 - 865 n. 3).

"L-attur jibbaża t-talba tiegħu wkoll fuq it-tieni parti tas-sub-inċiż 19(1)(d) tal-kap. 255, u ċioe` li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat ukoll minħabba **anomalija psikologika serja li tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ**. Hawnhekk il-leġislatur jirrikonoxxi bħala inkapaċita` li jingħata l-kunsens u kawża ta' nullita` taż-żwieġ, massa kumplessa ta' anomaliji psikiċi (li fosthom l-ewlenin, għalkemm mhux l-uniċi, huma disordnijiet psikosesswali) li jaffettwaw il-personalita` tas-suġġetti, liema inkapaċita` mhux neċessarjament tneħħilhom l-użu tar-raġuni, jew tneħħilhom id-diskrezzjoni tal-ġudizzju, imma b'danakollu xorta waħda tirrendihom inkapaċi li jassumu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ b'mod verament kommess u responsabbli.

"Il-mod kif tiġi nterpretata l-frażi "**anomalija psikoloġika serja"** huwa importantissimu. Li huwa mportanti biex tipprova m'huwiex daqstant is-serjeta` tal-anomalija psikoloġika daqskemm jekk din tirrendix is-soġġett inkapaċi li jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Din l-inkapaċita` trid tkun assoluta, għax fiż-żwieg m'hemmx lok għal kunsens parzjalment validu: jew hemm kapaċita` ġuridika sħiħa jew m'hemmx. Huwa mportanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh illi dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali jridu jkunu reċiproċi, permanenti, kontinwi, esklussivi u irrevokabbli. Ikun hemm għalhekk din l-inkapaċita` jekk waħda mill-partijiet tkun, minħabba kawża psikoloġika, inkapaċi li tassumi dawn l-obbligazzjonijiet bil-karatteristiċi essenzjali msemmija.

"Billi ż-żwieġ huwa sħubija għall-ħajja kollha tal-koppja miżżewġa, kull parti trid tkun kapaċi tikkomunika intimament fuq il-livell personali. Din il-kapaċita` hija differenti mill-kapaċita` li tipprokura ċertu ammont ta'

kuntentizza fiż-żwieġ. Hekk ukoll, falliment *de facto* ta' żwieġ, ma jfissirx awtomatikament inkapaċita' li wieħed jiżżewweġ.

"Biex tinvalida żwieġ għal din ir-raġuni, l-inabilita` trid tkun magħġuna fis-*set-up* personali ta' xi waħda mill-partijiet. Id-difett psikiku mhux neċessarjament ikun patoloġiku. Imma jrid ikun verament il-"kawża" li l-"effett" inevitabbli tagħha jħarbat ir-relazzjoni maritali. Għalhekk irid ikun gravi (seriously disabling). L-inabilita` trid tkun tali li mhux biss tirrendi ż-żwieġ diffiċli, imma impossibbli, u trid tkun teżisti qabel iż-żwieġ.

"**L-obbligi u l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa** ġew deskritti bil-mod segwenti:

""… *the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman; mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties, should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*. [2]

"Mill-provi miġbura, jirriżulta illi fil-każ in eżami l-partijiet kienu bdew jiffrekwentaw lil xulxin xi tliet snin qabel ma żżewġu. Kienu ltaqgħu meta l-konvenuta bdiet tattendi lezzjonijiet privati tal-kimika u l-fiżika għand l-attur, li kien fl-aħħar sena tiegħu t-Training College. Dik il-ħabta, huwa kellu għoxrin sena u hija sittax. Kienu jiltaqgħu prinċipalment fil-weekends, peress li matul il-ġimgha l-attur kien ikun Malta. Ftit xhur qabel, il-konvenuta kienet

[2] P.A. Angela Spiteri xebba Selvagi vs Joseph Spiteri : 4.11.1994, fejn il-Qorti adottat il-kummenti ta' P.J. Viladrich fil-ktieb tieghu : "Matrimonial Consent in the Code of Canon Law" : Montreal, 1993, p. 687 .

għadha kemm hassret minn ma' ġuvni ieħor li kien ilha toħroġ miegħu għal xi sentejn. Ommha ma ħallithiex tkompli ma' dan il-ġuvni billi kellu ħuh ibati mid-Downs Syndrome. Xi sena wara li l-kontendenti saru jafu l-xulxin, l-attur rebaħ *scholarship* ta' tliet snin fil-West Indies. Biex isegwi dan il-kors ħtieġlu neċessarjament li jkun imsiefer fit-tul, u kien jirritorna biss għall-vaganzi tas-sajf. Qabel ma bdiet l-aħħar sena tal-kors, il-kontendenti ddeċidew li jiżżewġu sabiex il-konvenuta tkun tista' takkumpanjah.

“Iż-żwieġ ġie ċelebrat fit-23 ta' Awissu 1975. Minn dan iż-żwieġ kien hemm tliet ulied, tifla u żewġ subien. Il-konċepiment tal-kbira ma kienx ippjanat u seħħ proprju malli żżewġu. Infatti l-konvenuta skopriet li kienet tqila meta ġia kellha erba' xhur tqala u l-kontendenti kienu msiefrin. Fil-West Indies il-kontendenti krew post għalihom u l-konvenuta kienet tqatta' ħafna ħin waħedha sakemm żewgha kien jattendi għall-*lectures*. Darba kienu anke ppruvaw jagħmlu għaliha xi indiġeni. L-attur kien iħobb imur għall-kaċċa fil-foresta ma' sħabu, u f'dawn l-okkażżjonijiet ukoll kienet tkun waħedha. Meta kien ifalli xi lectures għal dan l-iskop, kienet tattendi hi minfloku, biex ma jitlef xejn mill-lezzjonijiet. Hekk kif kien qed joqrob iż-żmien għall-ħlas, il-konvenuta rritornat Malta waħedha, u meta ntemm il-kors, żewġha rritorna wkoll. Billi kien għad ma kellhomx ir-residenza proprja tagħhom, il-kontendenti marru joqgħodu mal-ġenituri tal-konvenuta, li kienet tifla unika, u damu joqgħodu hemm sakemm lestew id-dar tagħhom xi tlettax-il sena wara.

“L-attur beda jgħallem fl-iskejjel ta' Għawdex, u anke għamel xi żmien jaħdem Malta. Billi ma kienx daqstant għal qalbu jgħallem suġġetti li ma kienx speċjalizża fihom, il-konvenuta tħabtitlu biex jingħata dawn is-suġġetti u minn hemm l-attur beda gradwalment javanza fil-karriera tiegħu. Xi snin wara l-attur tħajjar jiftaħ ħanut ta' *pet and garden supplies*, inkluż il-preparazzjoni ta' flower arrangements. Billi matul il-ġurnata kien ikun okkupat l-iskola, in-negozju kienet tmexxieh il-konvenuta, minkejja li kienet għadha trabbi t-tfal. L-attur kien jassisti biss x'ħin jispiċċa mix-xogħol prinċipali tiegħu, u anke f'dan ġieli kienet tgħinu billi tikkoreġilu l-*homeworks* ta' l-istudenti

tiegħu. Bħal f'kull familja oħra, inqalgħu diversi problemi fit-trobbija tat-tfal. Il-konvenuta ssemmi inċident fejn it-tifel il-kbir kien telagħlu ħafna deni u mnalla kienet għal terza persuna li nsertat fil-viċinanzi li tagħtu r-respirazzjoni artifiċjali meta kien waqaf li jieħu n-nifs. Tgħid ukoll illi t-tqala bit-tifel iż-żgħir kienet waħda diffiċċli u kien hemm il-perikolu li kemm hi kif ukoll it-tarbija jitilfu ħajjithom. Hekk ukoll ftit wara li kienet għadha kemm welldet lil wieħed mis-subien, akkumpanjat liz-ziju ta' l-attur l-Isptar Malta, minkejja r-riskji kollha li seta' kien hemm għall-saħħitha. Anke meta l-attur tħajjar jikkontesta l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali, sab l-appoġġ totali ta' martu, li ma' l-impenji l-oħra kollha tagħha sabet ukoll il-ħin biex tgħinu fil-kampanja elettorali tiegħu.

“Sadanittant in-negozju tal-kontendenti baqa' jiffjorixxi u żdiedu sew l-impenji tagħhom, tant li ftit li xejn kien qed jibqalgħhom ħin għal xulxin. Infatti wara xi żmien ma bdewx jaċċettaw iżjed tiġijiet nhar ta' Ħadd, fi sforz li ta' l-inqas jiddedikaw dik il-ġurnata għall-familja. Madankollu l-kontendenti kienu ta' spiss jillitikaw fuq il-fatt li fil-fehma ta' l-attur, martu kienet wisq iddedikata għat-tfal u lilu ma kienitx tagħtih attenzjoni biżżejjed. Xi drabi meta kien jiġri hekk, l-attur kien jaqbad u jitlaq 'l barra mid-dar u jmur jorqod band'oħra f'fond ieħor li kellhom il-kontendenti. Minħabba dan it-tilwim il-partijiet kienu bdew jieħdu xi counselling mingħand l-Arċipriet li kien ukoll ħabib tal-familja, u anke mingħand is-*social worker* fid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Familja f'Għawdex. Imma dawn it-tentattivi ma tantx jidher illi kienu ta' suċċess, tant illi l-attur beda anke jkollu relazzjonijiet extra-maritali, kif ammetta hu stess ma' martu, u fl-aħħar ħareġ mid-dar matrimonjali biex qatt ma reġa' rritorna lura. Infatti ġie iffirmat kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fit-18 ta' Frar 2003 li mbagħad ġie segwit xi żmien wara bil-kawża preżenti.

“Mill-provi prodotti, il-Qorti issa trid tara jekk teżistix xi waħda mir-raġunijiet li fuqhom qed jibbaża t-talba tiegħu l-attur sabiex jikseb dikjarazzjoni ta' nullita` ta' dan iż-żwieġ. Ma jistax ma jiġix enfasiżżat illi : “i*s-socjeta' ghandha tipproteġi ż-żwieġ u min javvanza xi pretensjoni dwar nullita' ta' żwieġ għandu jagħmel dan bl-aktar mod*

*serju u bi provi konkreti, u mhux b'mod leġġer u inkonvinċenti*." [3] Hekk ukoll ġie diversi drabi ribadit illi : "*Iż-żwieġ għas-soċjeta' mhux rabta ċoff iżda rabta għoqda u biex tinħall din l-għoqda l-Qorti ma tistax toqgħod biss fil-każ li għandha quddiemha fuq dak li l-attur appellant sejjaħ il-konfessjoni ġudizzjali tiegħu, sija pure ġuramentata, iżda jeħtieġ li kwalunkwe dikjarazzjoni tiegħu tiġi kkorroborata u sostanzjata bi provi oħra li huma biżżejjed biex jipproduċu fil-ġudikant il-konvinzjoni morali meħtieġa li verament il-kunsens ta' l-attur appellant kien ivvizzjat fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta*".[4]

"L-attur, kif rajna qed jibbaża t-talba tiegħu għall-annullament ta' dan iż-żwieġ fuq żewġ raġunijiet :

(a) in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fil-konvenuta;
(b) il-preżenza ta' anomalija psikoloġika li rrendietha inkapaċi li taqdi l-obbligazzjonijiet taż-żwieġ.

"**Dwar l-ewwel raġuni :** Kif rajna, biex ikun hemm il-kunsens matrimonjali, huwa meħtieġ li l-partijiet kontraenti jkunu jafu li ż-żwieġ huwa sħubija permanenti bejn raġel u mara, destinata għall-prokrejazzjoni tat-tfal taħt xi forma ta' kooperazzjoni sesswali. "***Diskrezzjoni ta' ġudizzju***" tirreferi għal dak il-livell ta' maturita` u ta' volonta` tal-partijiet kontraenti li tagħtihom il-kapaċita` li jagħtu u jirċievu lil xulxin, permezz ta' rabta legali, f'kommunita` unika ta' ħajja u mħabba. Wieħed għandu jippreżumi li wara l-puberta`, kulħadd ikun jaf żwieġ x'inhu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

"L-attur jikkontendi f'dan ir-rigward illi qatt ma kien hemm fil-konvenuta "*dak il-'commitment' li wieħed irid juri fil-konfront tal-persuna l-oħra li fl-aħħar jintrabat magħha fiż-żwieġ*." [5] Huwa donnu jrid jagħti x'wieħed jifhem illi l-konvenuta daħlet għal dan iż-żwieġ, mhux għax verament kien hemm imħabba lejh, imma għaliex, wara li ħassrulha

[3] M mart AD vs AD :13.3.1984 kollez. vol. LXVIII pt. 3 p. 49
[4] Appell . Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia: 28.7.1987 kollez. Vol.. LXXI. pt. 2 p. 212
[5] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur a fol. 73 tal-process

mal-*boyfriend* li kellha qabel, il-ġenituri tagħha rieduha ssib lil xi ħadd ta' ċerta pożizzjoni fil-ħajja. Ma rriżulta xejn pero` x'jindika illi dan seta' kien verament il-każ. Anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju, u għalkemm il-konvenuta żżewġet ta' eta` relattivament zghira, (infatti kellha dsatax-il sena) ma rriżultax illi ma kienitx taf x'inhu żwieġ u r-responsabilitajiet kollha li jġib miegħu. Anzi sa minn meta l-kontendenti bdew ikellmu l-xulxin bis-serjeta`, l-konvenuta dejjem għamlet minn kollox biex tgħin lill-attur jilħaq l-aspirazzjonijiet soċjali tiegħu. Sa siefret miegħu biex ma jisfrattax il-kors fil-bijoloġija li kien qed isegwi daqstant 'l bogħod minn pajjiżha u f'ambjent għall-kollox estranju għaliha. Lura Malta, apparti li rabbiet l-uliedha bl-akbar dedikazzjoni, kif jammetti l-attur stess, għenitu sew fix-xogħol ewlieni tiegħu bħala għalliem, u wisq aktar fit-tmexxija tan-negozju li tħajjar jistabilixxi, għal aktar minn għoxrin sena sħaħ, sakemm sfratta dan iż-żwieġ.

"Żgur li f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li ġie ppruvat li kien hemm xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju da parti tal-konvenuta meta ġiet biex tiżżewweġ lill-attur.

"**Dwar it-tieni raġuni:**

"F'dan ir-rigward l-attur jallega illi l-ħajja matrimonjali tal-kontendenti kienet "*nieqsa minn dak l-effett uman li jagħmel l-għaqda fiż-żwieġ possibbli*" u li "*r-relazzjoni interpersonali ta' bejniethom kienet imċajpra b'ħafna ostakoli nevrotiċi u finalment kienet waħda ta' anzjeta` milli armonjuża*"(sic). Huwa jsemmi kif matul l-għerusija, il-konvenuta ma kienitx tippermettilu jbusha u jerfagħha fil-pubbliku. Imma meta titqies il-mentalita` għawdxija ta' 'l fuq minn tletin sena ilu, wieħed m'għandux għax jistagħġeb illi ħafna nies kienu jistħu jagħmlu dawn il-ħwejjeġ quddiem kulħadd. L-istess għall-fatt illi xejn ma kienet tieħu gost il-konvenuta bit-tmellis ta' l-attur fil-pubbliku, anke forsi fi żminijiet iżjed reċenti. M'hemm xejn anomalu f'li wieħed forsi jistħi juri ċerti sentimenti ta' affezzjoni quddiem terzi persuni. Hekk ukoll jekk il-konvenuta kienet tirrifjuta li tissottometti ruħha għal ċerti xewqat ta' l-attur fl-intimita` ta' l-att konjugali, ma jfissirx

b'daqhekk li hija tbati minn xi anomalija psikoloġika li tirrendiha inkapaċi li taqdi d-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ. Anzi l-fatt illi dan iż-żwieġ kien imbierek bi tliet ulied, li bdew ġejjin hekk kif kien ikkonsmat, pjuttost jimmilita l-kontra. Lanqas in-nuqqas ta' attenzjoni li jilmenta minnha l-attur ma jista' jiġi attribwit għal xi difett simili fil-konvenuta. Fi sforz li jagħmel suċċess ekonomiku fil-ħajja tiegħu, l-attur indaħal u daħħal lil martu f'ħafna impenji li, kif jammettu l-istess kontendenti, ftit li xejn kienet tħallilhom ħin liberu għal xulxin. Jidher għalhekk illi, bħal ma sfortunatament qed jiġri f'każijiet bħal dawn, li *stress* tal-ħajja mgħaġġla ta' llum u l-ġirja sfrenata għall-akkumulazzjoni tal-ġid materjali, qed tħalli l-effetti negattivi tagħha fuq il-vera kuntentezza fil-familja.

“In ġenerali jista' jingħad għalhekk illi anqas irriżultat ebda kawża psikoloġika li setgħet irrendiet lill-konvenuta nkapaċi li taqdi l-obbligazzjonijiet tal-ħajja matrimonjali, kif imfissra hawn fuq.

“Għal dawn il-motivi, billi ma ġiex ippruvat illi kien hemm xi waħda mir-raġunijiet indikati mill-attur għaliex dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad t-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attur.”

**<u>L-Appell</u>**

**5.** L-attur appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. id-definizzjoni moghtija mill-ewwel Qorti ta’ x’jikkostitwixxi “difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju” ma jaqbilx ma dak li gie accettat mid-dottrina kemm dik Ekklesjastika, kemm mil-kazistika Rotali u kemm mill-Qrati lajci taghna;
2. illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti dwar id-diskrezzjoni ta’ gudizzju tal-kontendenti fil-mument taz-zwieg taghhom;
3. illi l-ewwel Qorti ghamlet appezzament hazin tal-kuncett ta’ “anomalija psikologika serja” taht it-tieni parti tas-subinciz 19(1)(d) tal-Kap. 255, u applikazzjoni hazina tieghu ghal kaz odjern.

Dawn l-aggravji gew kontestati mill-appellata li talbet li s-sentenza tigi konfermata.

## L-ewwel aggravju

**6.** Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jilmenta li d-definizzjoni moghtija mill-ewwel Qorti ta' x'jikkostitwixxi "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" ma jaqbilx ma' dak li gie accettat mid-dottrina kemm dik Ekklesjastika, kemm mil-kazistika Rotali u kemm mill-Qrati lajci taghna. In sostenn tat-tezi tieghu, huwa jikkwota is-segwenti bran mis-sentenza appellata: *"Ikun hemm **difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju**, meta xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma jistax jinghad li tbati minn infermita` mentali, tkun dahlet ghal din ir-rabta konjugali minghajr maturita` bizzejjed ghaz-zwieg."* (enfasi ta' l-ewwel Qorti).

**7.** L-appellant kien ikollu forsi xi ftit ragun, kieku l-ewwel Qorti waqfet biss fuq din l-asserzjoni. Pero`, dak li jonqos li jghid l-appellant huwa, li immedjatament wara din l-asserzjoni, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tikkwota b'approvazzjoni minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li giet approvata mill-Qorti ta' l-Appell[6] li ghamlitha cara illi *"B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' **discretio judicii** hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg."* Imbaghad dik is-sentenza ghaddiet biex tikkwota mid-dottrina kanonika dwar dan il-*caput nullitatis.*

**8.** Din il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura dwar l-esposizzjoni tal-ligi maghmula mill-ewwel Qorti dwar dan

---

[6] **N.A. vs R.A** moghtija fil-25 ta' Mejju 1995 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 1999 (Vol. LXXXIII-II-559).

il-kuncett ta' "difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" u taqbel perfettament ma' l-istess. Ghal kompletezza, u a skans ta' ripetizzjoni inutili, hija taghmel riferenza ghal insenjament u gurisprudenza kontenuta fis-sentenza ta' din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – tat-30 ta' Mejju 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Dimech v. Carmen Dimech.** Tosserva biss illi f'din is-sentenza ta' **Dimech v. Dimech,** din il-Qorti mhux biss ikkwotat b'approvazzjoni is-sentenza tal-Prim Awla ikkwotata mill-ewwel Qorti f'din il-kawza, izda ghamlet riferenza wkoll ghas-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra), fejn gie spjegat li biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomolija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta` ta' l-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

**9.** A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu fil-prim istanza, kif ukoll iktar tard fir-rikors ta' l-appell tieghu, fis-sens li l-Qrati Maltin, bhala tribunali civili, ghandhom jadottaw interpretazzjoni iktar wiesgha minn dik moghtjia mid-dottrina u l-gurisprudenza ekklezjastika lid-diversi ragunijiet elenkati mil-legislatur Malti fil-Kap. 255 li jistghu jaghtu lok ghall-annullament ta' zwieg. Huwa fatt inkontestat li fl-abbozzar tal-Kap. 255, u d-diversi emendi li saru ghalih, il-legislatur Malti kien ispirat u segwa il-principji in materja tad-dritt Kanoniku. Kif gie ritenut fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-4 ta' Novembru 1994, fl-ismijiet **Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri**: *"Fl-ezami ta' dan il-paragrafu* (Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255) *din il-Qorti ser taghmel riferenza -- bhala fonti ta', u ghajnuna ghal, l-interpretazzjoni tal-ligi taghna -- ghad-dottrina u gurisprudenza kanonika, u l-artikolu 23 tal-Kap. 255 naturalment ma hux ta' ostaklu ghal tali referenza bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra* [li] *ma humiex parti mil-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u l-gurisprudenza ta'*

*dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' interpretazzjoni tal-ligi domestika."*

**10.** Hija haga naturali u ovvja, li meta jigi biex jinterpretata ligi – hi liema hi – il-gudikant ghandu jhares lejn is-sors ta' dik il-ligi, bhala fonti ta', u ghajnuna ghal, l-interpretazzjoni taghha, u din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm xi eccezzjoni ghal din ir-regola fil-kaz ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

**11.** Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, dan l-aggravju ta' l-appellant ma jistax jigi milqugh.

**It-tieni aggravju**

**12.** Fit-tieni aggravju, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti dwar id-diskrezzjoni ta' gudizzju tal-kontendenti fil-mument taz-zwieg taghhom.

**13.** Fl-ewwel lok ghandu jigi osservat illi ghalkemm, it-talba fic-citazzjoni giet redatta b'mod li l-ewwel Qorti setghet issib il-kunsens vizzjat kemm ta' l-appellant kif ukoll ta' l-appellata, il-premessi fic-citazzjoni, il-provi li ngabru u s-sottomissjonijiet bil-miktub li saru quddiem l-ewwel Qorti, kollha jiffukaw biss fuq il-kunsens moghti mill-appellata ghal dan iz-zwieg, u fil-fatt is-sentenza ta' l-ewwel Qorti tikkunsidra biss il-validita` tal-kunsens ta' l-appellata. Ghaldaqstant, m'huwiex lecitu ghall-appellant li issa jipprova jzerzaq fir-rikors ta' l-appell tieghu xi dubji dwar il-validita` tal-kunsens li gie moghti minnu. Jekk l-appellant kellu xi dubji dwar il-validita` tal-kunsens moghti minnu hu messu ressaq il-provi necessarji u ghamel is-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward quddiem l-ewwel Qorti. Konsegwentement din il-Qorti se tikkunsidra dan l-aggravju ghal dak li jirrigwarda biss il-validita` tal-kunsens moghti mill-appellata.

**14.** L-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti tat wisq importanza lill-apparenzi – li precizament kienu jindikaw zwieg normali – minghajr ma, skond hu, girfet il-qoxra ta' barra w indagat iktar fil-fond. Pero, l-appellant jonqos li jindika liema huma dawk il-provi li l-ewwel Qorti naqset li

tikkonsidra fid-dettal. Din il-Qorti ma tista' ssib xejn x'ticcensura fl-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Il-provi kollha juru li meta tat il-kunsens taghha, l-appellata kienet ben konxja ta' x'kienu jinvolvu l-obbligi taz-zwieg. Sa mill-bidu nett tat ghajnuna w appogg lill-appellant fl-istudji tieghu barra minn Malta u kienet lesta li taghmel s-sagrificcji li c-cirkostanzi kienu jitolbu, billi marret tghix mieghu barra minn Malta w irritornat lura Ghawdex wahedha biex twelled lill-ewwel wild taghhom. Fil-fatt hija kompliet tghinu biex javvanza fil-hajja lavorattiva tieghu, fil-waqt li rabbiet lit-tlett uliedhom.

**15.** L-unika ilment li l-appellant jaghmel kontra martu quddiem l-ewwel Qorti huwa li hija kienet dedikata izzejjed lejn id-dar u lejn il-tfal, tant li l-appellant beda jhoss ruhu emarginat. Jidher li din il-problema ghandha r-radici taghha fil-fatt illi l-appellant jghid illi sa mill-bidu nett taz-zwieg, ir-rapporti sesswali bejniethom ma kienux sodisfacenti ghalih, u jidher li l-valur ta' relazzjoni sesswali w intima kienu jigu l-ewwel u qabel kollox ghall-appellant.[7] Pero` ma hemmx kontestazzjoni li z-zwieg gie ikkunsmat l-ghada tat-tieg, u li t-tifla l-kbira taghhom kienet il-frott tar-relazzjonijiet intimi li l-kontendenti kellhom fl-ewwel jiem taz-zwieg. Mill-provi, bl-ebda mod ma jirrizulta li l-appellata kienet tbati minn xi forma ta' inkapacita` li impedietha milli jkollha relazzjonijiet intimi normali ma' zewgha, u jidher li ghall-inqas fl-ewwel snin wara z-zwieg kien ikollhom relazzjonijiet intimi regolari tant li minn dan iz-zwieg twieldu zewg itfal ohra.

**16.** Pero` il-fatt li l-appellata ma kienitx tissottometti ruhha ghal certi xewqat ta' l-appellant matul l-intimita` ta' l-att konjugali – u jidher li lanqas l-appellant ma kien jissodisfa certi xewqat ta' l-appellata – bl-ebda mod ma jirrifletti fuq il-kapacita` ta' l-appellata li jkollha relazzjonijiet intimi ma' l-appellant. Kwalunkwe disgwid li l-kontendenti seta' kellhom fir-rapporti intimi bejniethom seta' facilment jigi sorvolat bi djalogu bejniethom, u jekk dan ma jkunx bizzejjed, b'*counselling* adattat. Pero`, sfortunatament, dan ma sarx u l-problema kompliet tikber kemm bit-

[7] Ara xhieda ta' Peter Paul Portelli a fol. 25 tal-process in prim'istanza.

trapass taz-zmien kif ukoll bl-i*stress* tal-pizijiet tal-hajja, anki minhabba l-hafna impenji li l-kontendenti dahlu ghalihom, tant li spiccat biex affettwat ir-relazzjonijiet emozzjonali u interpersonali ta' bejniethom.

**17.** Fl-ahharnett, il-fatt li l-appellata ma kienitx tiehu pjacir b'bews u karezzi fil-pubbliku – la fi zmien l-gherusija u lanqas fi zminijiet iktar ricenti – ma jirriflettix fuq id-diskrezzjoni tal-gudizzju taghha dwar l-obbligi taz-zwieg, imma jirrifletti biss fuq il-karattru taghha, li probabbilment gie influwenzat mhux hazin mil-mod differenti u hafna iktar konservattiv, kif is-socjeta` Ghawdxija u anki Maltija kienet thares lejn dan l-agir aktar minn tletin sena ilu.

**18.** Ghaldaqstant, dan l-aggravju ma jistax jigi akkolt.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

**19.** F'dan l-aggravju l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet appezzament hazin tal-kuncett ta' "anomalija psikologika serja" taht it-tieni parti tas-subinciz 19(1)(d) tal-kap. 255, u l-applikazzjoni hazina tieghu ghal kaz odjern. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jissottometti illi: *"(I)l-Qrati ordinarji mhumiex tenuti, anzi ma ghandhomx isewgu bil-fors il-prassi u l-mod kif inhu mifhum dan il-kuncett fit-Tribunal Ekklesiastiku, u dan minkejja l-fatt li dan il-kuncett ghandu l-origini tieghu fid-dritt kanoniku."* Kif gie rilevat meta din il-Qorti kienet qieghda tikkonsidra l-ewwel aggravju, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq li, a skans ta' ripetizzjoni inutli, ma humiex se jigu riprodotti.
**20.** L-appellant qieghed jissottometti li fil-mument tal-kunsens l-appellata kienet qed tbati minn anomalija psikologika serja ghaliex skond hu hija kienet inkapaci li tikkomunika mieghu intimament fuq livell personali.

**21.** Kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghal anomalija psikolgika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku (Can. 1095(3)) tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda <u>impossibilita`</u> li wiehed jaqdi ossia jassumi

l-obbligazjonijiet essenzjali taz-zwieg.[8] Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja li, indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere".*[9] Kif diga` inghad ma jirrizulta bl-ebda mod li fil-hin ta' l-ghoti tal-kunsens, l-appellata kienet qed tbati minn xi inkapacita` li tikkommunika ma' l-appellant la mill-aspett tar-relazzjonijiet sesswali u lanqas mill-aspett ta' relazzjonijiet emozzjonali. Ghalkemm kif diga` inghad seta' kien hemm xi disgwid dwar kif kellhom isiru dawn ir-relazzjonijiet intimi bejn il-koppja, ma kien hemm l-ebda diffikulta` li bil-bona volonta` taz-zewg kontendenti ma setghetx tigi sormontata, u iktar importanti ma kien hemm l-ebda diffikulta` li jsir l-att taz-zwieg innifsu.

**22.** Fid-dawl ta' dan kollu u mill-provi kollha migjuba ma tirrizulta l-anqas l-ombra ta' xi anomalija psikologika li minnha kienet qed tbati l-appellata, kif allegat mill-appellant.

**L-eccezzjoni tal-"lis alibi pendens"**

**23.** A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti tosserva li l-eccezzjoni – it-tieni wahda – tal-*lis alibi pendens* ma jidhirx li giet persegwita mill-konvenuta quddiem l-ewwel Qorti, u fil-fatt dik il-Qorti anqas biss ippronunzjat ruhha fuqha. Ghalkemm fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2005 hemm registrat li l-kawza kienet qed tigi differita ghall-11 ta' Jannar 2006 "sabiex il-konvenuta tipproduci l-prova rikjesta mil-ligi rigward it-tieni eccezzjoni taghha"[10], tali "prova" baqghet ma ngabitx. Fi kwalunkwe kaz, jidher li din l-eccezzjoni kienet qed tigi bbazata fuq l-allegazzjoni li

---

[8] Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Samuela Lea Pavia vs John Pavia** deciza fl-20 ta' Mejju 1996 osservat illi *"l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom".*

[9] Ara **Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Dicembru 1994.

[10] Ara fol. 9.

quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku kien hemm proceduri pendenti ta' annullament. Issa, jekk din l-eccezzjoni kienet qed tinghata strettament u esklussivament fil-parametri ta' l-Artikolu 792 tal-Kap. 12, huwa evidenti li l-espressjonijiet "qorti kompetenti", "qorti kompetenti ohra" u "il-qorti l-ohra" fl-imsemmi artikolu jirreferu ghall-qrati msemmija fl-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u mhux ghal xi "qorti" jew "tribunal" imwaqqaf xort'ohra. Jekk, invece, kif x'aktarx jidher li kien il-kaz, il-konvenuta kienet qed tipprova tinvoka l-Artikolu 30 tal-Kap. 255 – li jipprovdi ghas-sospensjoni tal-azzjoni quddiem il-Qorti Civili kompetenti meta jkun hemm proceduri bejn l-istess partijiet mibdija quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku – din id-disposizzjoni mhix applikabbli peress li z-zwieg bejn l-attur u l-konvenuta sehh fit-23 ta' Awissu 1975, mentri l-imsemmi Artikolu 30 japplika biss ghal zwigijiet kattolici celebrati wara d-dhul fis-sehh (fl-1995) ta' l-istess artikolu. Ebda wahda mill-partijiet ma' appellat mill-fatt li l-ewwel Qorti baqghet ma ddecidietx din l-eccezzjoni.

**Decide**

**24.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu wkoll mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------